MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2007

Mandat Numru. 613/2007/1

**Future Furniture Ltd**

**vs**

**Malta Industrial Parks Ltd**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors.

Rat id-digriet taghha precedenti.

Rat ir-risposta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha tar-rikors.

Semghet lid-difensuri jittrattaw.

Ikkunsidrat illi l-Art. 873 tal-Kap. 12 jipprovdi li:

*"(1) L-iskop tal-mandat ta` inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tkun li tista` tkun ta` pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

*(2) Il-Qorti, m`ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li ghandu dawk il-jeddijiet"*.

Ir-rikorrenti odjerni jridu jwaqqfu lil Malta Industrial Parks Limited milli tizgumbralhom mill-fabbrika AT5a fil-Qasam Industrijali ta` H`Attard. Is-socjeta` Malta Industrial Parks Limited tinsisti li f`tali zgumbrament hija tkun qed tagixxi skond is-setghat moghtija lilha ai termini tal-Art. 3(2) tal-Kap. 228 li jaghtiha dawn is-setghat meta persuna tkun qed tokkupa proprjeta` immobbli minghajr titolu.

Dan il-provvediment tal-ligi ma jistax jigi nterpretat, kif donnha qed tallega s-socjeta` intimata, b`mod li malli l-istess Malta Industrial Parks Limited tiddeciedi li skond hi m`hemmx titolu, l-okkupant ma jista` jaghmel xejn.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-11 ta` April, 2006 fil-kawza Camilleri et vs Kummissarju tal-Artijiet u l-Avukat Generali.

*"Ma hemmx xejn fil-ligi – la fil-Kap. 228 u anqas f`xi ligi ohra - li jipprojbixxi lill-persuna li tircievi ordni bhal dik li rcevew il-konjugi Camilleri milli titlob il-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni kontra l-Kummissarju u wara tipprocedi biex titlob dikjarazzjoni ta` l-invalidita` tal-ordni billi tipprova t-titolu taghha".*

Is-socjeta` rikorrenti tinsisti li hi ma tistax tigi zgumbrata mill-fabbrika ghaliex, skond l-istess rikorrenti jezisti titolu fuq l-istess fabbrika.

L-ezercizzju ta` din il-Qorti f`dan l-istadju huwa li tara jekk is-socjeta` rikorrenti ghandhiex ghall-anqas *prima facie,* il-jeddijiet li tghid li tgawdi.

F`dan il-kuntest il-Qorti tinsab sodisfatta li, *prima facie*, dan il-jedd jezisti, u dan peress illi s-socjeta` ilha snin tokkupa l-fond in kwistjoni, li ghalih is-socjeta` intimata baqghet tircievi kera anki jekk arretrati.

Rigward l-element ta` pregudizzju, il-Qorti thoss li wiehed ma ghandux bzonn ta` hafna immaginazzjoni biex jinduna li l-pregudizzju f`kaz ta` zgumbrament minn fabbrika huwa gravi, reali u irrimedjabbli.

Ghaldaqstant il-Qorti tiddeciedi billi tilqa` t-talba definittivament bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------